## Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

Luke Caruana u Ruth Gatt

vs

Liliana Vella u Deluxe Bathrooms Limited

CCT G10/21/MS

17 ta' Gunju 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-16 ta' Settembru 2021 fejn talbu r-rifuzjoni ta' elfejn disa' mija tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€2,922.51), prezz ta' *bathroom fittings* mixtrija minghand is-socjeta' intimata, liema *fittings* bdew ibiddlu l-kulur taghhom ftit xhur wara li nxtraw matul il-perjodu tal-garanzija, u dan minhabba li kienu affetti minn difett mill-fabbrika.

Ra r-risposta tal-intimata Liliana Vella pprezentat fis-26 ta' Jannar 2022 fejn ikkonfermat illi r-rikorrenti kienu xtraw *mixers* tal-kmamar tal-banju kulur Rose Gold minghand Deluxe Bathrooms u wara ftit xhur il-*coating* beda jibdel l-istat tieghu, izda minkejja li lahqu ftehim biex dawn jigu mibdula, meta fl-ahhar waslu kien ir-rikorrent li ma marx jiltaqa' mad-*deliveryman* kif lanqas ma mar jigbor il-*mixers* mix-showroom personalment.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit ta' Shawn Galea.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi ghal dak li huma l-fatti principali hemm qbil bejn il-partijiet illi ir-rikorrenti xtraw *bathroom fittings* Rose Gold ghall-kamra tal-banju minghand is-socjeta' intimata fl-2018 li kellhom ghaxar snin garanzija, u li gew installati fis-sena 2019. Ftit xhur wara, dawn biddlu l-kulur taghhom. Fir-riposta taghha, s-socjeta' intimata qed taqbel ma' dak kollu li qalu r-rikorrenti dwar l-istat tal-mixers u fil-fatt il-partijiet ftehmu illi dawn kienu ser jinbidlu.

Il-problema inqalghet minhabba t-trapass ta' zmien bejn id-data tal-ilment originali u d-data tal-konsenja gdida, li effettivament qatt ma wasal ghand ir-rikorrent.
Illi t-Tribunal ra l-email mibghut minn Luke Caruana fl-10 ta' Frar tas-sena 2021 u r-risposta ta' Liliana Vella fl-istess gurnata fejn ammettiet illi kien hemm diversi ilmenti fuq l-istess prodotti u accettat illi terga' tordna l-istess bhalhom. Jidher illi l-ordni saret fit-18 ta' April

2021, u xahrejn wara, f'email datata 21 Gunju 2021, Liliana Torres tikkonferma illi "the material is in production" u tghid illi dawn il-prodotti jafu jdumu seba' jew tmien gimghat. Dawn pero' waslu f'Settembru u l-partijiet ftehmu gurnata ghal konsenja. Ir-rikorrent jghid illi kellhom jiltaqghu fit-tmienja ta' filghodu pero' s-socjeta' intimata ma zammitx l-appuntament ta' filghodu u ghalhekk ftehmu biex jiltaqghu wara nofsinhar. Peress illi r-rikorrent kellu jmur ghax-xoghol, talabhom biex jaghtuh pre-avviz, almenu ta' nofs siegha, qabel ma jigu peress illi hu jahdem San Gwann u jghix il-Kalkara. Gara illi huma bdew icemplulu biex jaghmlu l-konsenja u qalilhom biex jistennewh ftit izda dawn telqu minn fuq il-post. Talabhom gurnata ohra imma rrifjutaw u qalulu li kellu jitla' Ghawdex u li ma kienux disposti jaghtuh gurnata ohra.

Ikkunsidra

Illi filwaqt illi t-Tribunal japprezza illi s-socjeta' intimata ippruvat taghmel il-konsenja dakinhar u fl-ahhar mill-ahhar, kien ir-rikorrent li ttardja, ma jistax ma jikkumentax fuq il-fatt illi s-socjeta' intimata irrifjutat illi terga' taghmel *delivery* ohra f'gurnata ohra. L-ewwel nett, it-Tribunal jidhirlu illi wara li r-rikorrent stenna bil-pacenzja kollha ghal tmien xhur jew iktar biex dawn il-prodotti jaslu, s-socjeta' intimata setghet tistenna imqar siegha jew saghtejn, iktar u iktar meta, skond ir-rikorrent, kienet hi li ma zammitx l-appuntament ta' filghodu u meta kienet taf bis-sitwazzjoni tar-rikorrent. Imma anke kieku, ir-rifjut shih illi taghmel konsenja ohra mhijiex accettabbli, iktar u iktar meta r-rikorrent kien nefaq hafna flus fuq prodotti li wara kollox kienu difettuzi. Li kieku ma kienux difettuzi, ir-rikorrenti ma kienx ikollu bzonn jistenna konsenja ohra u dan ma kienx jigri. Customer Care huwa importanti hafna iktar u iktar wara li jsir il-bejgh, u fin-nuqqas il-klijent ikollu ragun jaghzel illi ma jkollu x'jaqsam iktar ma' kumpanija illi ma tipprovdix dan is-servizz.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, it-Tribunal jidhirlu illi gialdarba s-socjeta' intimata irrifjutat illi tikkonsenja l-oggetti, ghandha tirrifondilu l-prezz shih ta' dak li hallas. Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu l-ammont ta' €2,922.51. Dan l-ammont qatt ma gie kontestat mis-socjeta' intimata, la fir-risposta taghha u wisq anqas quddiem dan it-Tribunal. Fil-fatt, hadd mis-socjeta' intimata ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu u ghalhekk il-verżjoni tar-rikorrenti u l-ammont mitlub, hija inkonstestata.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna l-intimata u s-socjeta' intimata in solidum biex ihallsu s-somma ta' elfejn disa' mija tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u hamsin centezmi (€2,922.51). Bl-ispejjes in solidum kontra l-istess intimata/ socjeta' intimata.

Michela Spiteri
Arbitru